Minuti tal-Laqgħa Nru. 16 tas-Sitt Kunsill Lokali ta' Ħal Luqa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill nhar it-Tlieta, 2 ta' Lulju 2013 fil-5.30 p.m.

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | il-Membri |
| Sindku | Is-Sur. John Schembri |
| Viċi Sindku | Is-Sur. Joseph Scicluna |
| Il-Kunsilliera | Is-Sur. Victor Caruana<br>Is-Sur. Christian Falzon<br>Is-Sur. Joseph Camilleri<br>Is-Sinjura. Lucia Massa<br>Is-Snrna. Christina Sammut |
| Segretarju Eżekuttiv | Is-Sur. Michael Portelli |

## AĠENDA

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti
2. Punti Mqajjma mill-Minuti
3. Korrispondenza
4. Approvazzjoni ta' Ħlasijiet
5. Aġġornament

## 1.0 QARI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

1.1 Il-minuti tal-laqgħa preċedenti inqraw u ġew approvati b' vot unanimu.

## 2.0 PUNTI MQAJJMA MILL-MINUTI

2.1 Il-Kunsillier Camilleri qal li huwa ma jaqbilx mal-iskeda tal-ħlasijiet peress li minn naħa ta dawk il-kuntratturi li jagħtu servizz mhumiex qed jagħtu servizz tajjeb.

## 3.0 KORRISPONDENZA

3.1 Il-Kunsillier Camilleri saqsa jekk kienx hemm xi rakkomandazzjoni minn naħa tal-Bord tat-tenders fuq it-tender tal-istreet furniture. Is-Sindku irrisponda li l-Bord kien iltaqa u ra ukoll il-prezzijiet, huwa qal li jonqos li jkun hemm xi kjarifiki minn naħa ta dawk li tefgħu l-offerta.

3.2 Is-Sindku qal li minn naħa tal-MEPA se jibdew ir-reviżjonijiet fuq il-pjanijiet lokali. Huwa qal li minn naħa tal-MEPA qed jitolbu lista tal-Għaqdiet tal-lokal biex dawn ikunu jistgħu jiġu ikkuntatjatti.

3.3 Is-Sindku qara ittra li waslet minn naħa tal-Youth Centre ta Ħal Luqa. F' din l-ittra ir-rappreżentanti taċ-Ċentru talbu lill-Kunsill biex jagħti xi għajnuna fl-egħluq mill-10 snin li infetaħ iċ-Ċentru. Huma talbu biex jiġu indikati xi postijiet li fihom jistgħu jkunu mħawwla s-siġar. Huma talbu wkoll jekk il-Kunsill jistax jippreżenta siġar għal din l-okkażżjoni. Il-Kunsilliera preżenti qablu unanimament fuq din il-proposta li għandha issir minn naħa tal-Youth Centre.

3.4 Is-Sindku semma li hemm xi tfal li applikaw għas Summer School minn Ħal Farruġ imma li m' għandhomx trasport biex ikunu jistgħu jattendu. Is-Sindku ippropona li nsibu xi meżż biex dawn ikunu jistgħu jattendu għas Summer School. Il-Kunsilliera preżenti qablu ma din il-proposta.

3.5 Il-Kunsillier Camilleri semma li fuq il-bankijiet li hemm fil-bandli hemm ħafna ħmieġ tal-għasafar. Huwa saqsa jekk dawn il-bankijiet jistgħux jitressqu. Is-Sindku qal lis-Segretarju biex jieħu ħsieb u jibgħat il-ħaddiema sabiex jaħslu l-bankijiet.

3.6 Il-Viċi Sindku semma li hemm bżonn li jsir knis fi Triq San Pawl speċjalment dik il-parti li tiġi faċċatta tiegħu.

3.7 Is-Sindku semma li din is-sena kien hemm il-ħtieġa li jkunu mressqa il-kiosks li jarmaw matul il-festa peress li wieħed mill-Każini tal-Baned kien qed ikollu problema peress li kien qed ikollu armar tal-festa li jiġrilu ħsara minn naħa tal-gabbani. Huwa qal li kien hemm ukoll persuni tal-gabbani li bagħatu rikors bil-Qorti biex dawn iżommu l-posta li kellhom. Is-Sindku semma li huwa fil-postijiet li dawn kellhom qabel ġew osservati meta kienu imressqa fi Triq l-Iskola. Is-Sindku kompla jgħid li din il-ħaġa ħolqitlu inkonvenjenzi u

problemi kbar li kellu jieħu ħsieb li jasal huwa għal kompromess. Huwa informa li issa kollox huwa f' postu din il-problema ġiet settled.

3.8 Il-Kunsilliera Sammut semmiet li se jsir tournament tal-football ġewwa Ħal Safi li se jkun organiżżat mill-Kunsill. Hija saqsiet waqt il-laqgħa jekk bħala Kunsill inkunux interessati li nieħdu sehem. Is-Sindku appellala biex iġġib id-dettalji neċessarji u nkunu nistgħu nimxu minn hemm. Is-Sindku issuġġerrixxa li jekk nieħdu sehem u jingħaqad team nofs mill-ispejjeż għal parteċipazzjoni jinħarġu minn naħa tal-Kunsill. Il-Kunsilliera preżenti qablu ma din il-proposta.

## 4.0 APPROVAZZJONI TA' ĦLASIJIET

4.1 Il-Kunsilliera Massa saqsiet jekk kienx ħareġ il-pagament lill-Chorus Excelsior relatatt mas-servizz li huma taw fl-okkażżjoni ta Jum Ħal Luqa. Is-Segretarju irrisponda li dan il-pagament kien għadda fil-laqgħa ta qabel.

## 6.0 AĠĠORNAMENT

Ma kienx hemm aktar punti fuq l-Aġenda biex jiġu diskussi u għaldaqstant is-Sindku iddikjara l-laqgħa magħluqa nhar it-Tlieta 2 ta' Lulju 2013, fis-6.30 p.m. Ma kienx hemm data proposta għal laqgħa li jmiss

Konfermati llum ________________________ 2013.

______________________
John Schembri
Sindku

______________________
Michael Portelli
Segretarju Eżekuttiv